**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 12/01***

***Pulizija***
***Sp. Norbert Ciappara***
***v***
***Jason Debono***

Illum 02.ta' Novembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq **Importazzjoni tar-raza tal-cannabis** fl-10 ta' April 2000.

Illi l-imputat ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu, u ghaldaqstant din tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

Illi huwa pacifiku mill-provi illi r-raza misjuba kienet fi kwantita zghira hafna u l-Qorti hija sodisfatta fic-cirkustanzi li din kienet ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat.

In propositu ghal piena il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat u tenut kont ta l-ammont ferm zghir tad-droga misjuba hija tal-fehema li ghandha timponi piena kalcerarja sospiza ghal certu zmien.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fatt li l-imputat ghen lill-pulizija fl-investigazzjoni taghhom u ghalhekk ghandu jibbenefika minn dimunizzjoni fil-piena a tenur ta' l-artiklu 29 tal-kapitlu 101.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-regolament 8 tal- GN 292/39 u l-Artikolu 7 u 22 tal-Kap.101 u tikkundannah ghall-***piena ta' prigunerij ghal zmien sitt xhur sospizi ghal tnax-il xahar*** fit-termini ta' l-artiklu 28A kap 9 u ***ghall-hlas ta' multa ta' Lm200*** pagabbli f'rati mensili f'rati mensili ta' mhux anqas minn Lm15 bid-dekadenza mill-beneficcju tat-terminu fil-kas li l-imputat jonqos minn pagament wiehed.

Il-Qorti spjegat f'termini cari is-sinifikat u l-import ta' dan il-providiment.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tar-Registratur tal-Qorti.

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***